**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs.**

**Mark Stuart Jones**

Numru: 157/15

Illum 27 ta' Frar 2018

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Stuart Jones**, ta' sitta u erbghin (46) sena, iben Kenneth u Diane Margaret Jones, imwieled l-Ingilterra fis-16 ta' Ottubru 1968, residenti gewwa 4, "Springfield", Triq l-Alwetta, Mosta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0251390(M),

akkuzat talli nhar l-14 ta' Settembru 2013, ghall-habta tas-7:00 ta' filghodu gewwa l-Pieta':

1. waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BUS 096 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Edith Farrugia, mill-Msida;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq xarabank tal-ghamla King Long bin-numru tar-registrazzjoni BUS 096 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tinfliggi l-piena stabbilita skont il-Ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan fil-konfront ta' Mark Stuart Jones ghal dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 406/14 redatt mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona[1] fejn inghad, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> "Mir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg jirrizulta li x-xarabank involuta fl-incident kienet mudell XMQ6127J bin-numru ta' registrazzjoni BUS 096. Fil-hin tal-incident

[1] *Envelope loose.*

> kienet qed tinstaq fid-direzzjoni mill-Belt ghall-Imsida minn certu Mark Stewart [Stuart] Jones ta' numru Karta ta' Identita' 251390(M). Fl-opinjoni tal-imsemmi Perit Tekniku, ko-indiviza mill-Magistrat Inkwirenti, huwa kien responsabbli ghall-incident li wassal ghall-mewt ta' Edith Farrugia numru ta' Karta ta' Identita' 397047(M). Jirrizulta mir-rapport tat-tobba patologisti illi hi mietet konsegwenza tal-griehi li soffriet kawza l-incident konsistenti fil-ksur fil-kranju emorargija interna"[2].

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 50 *et seq*).</u>

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 55), lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 91), lill-konsulent legali tal-*parte civile* jiddikjara li l-pendenzi civili bejn il-patrocinati tieghu u l-imputat gew saldati *tramite* s-socjeta' tal-assikurazzjoni.

Rat in-Nota tal-*parte civile* pprezentata fis-16 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti giet infurmata bis-segwenti: *"Li permezz taghha jiddikjaraw illi l-pendenzi civili bejn il-partijiet gew saldati u ghalhekk huma qed jirrinunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat sa fejn dawn huma rinunzjabbli skond il-ligi"* (*a fol.* 93).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 96 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 105), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

---

[2] *A fol.* 1 tal-Process Verbal.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-8 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 106 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2018, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 116 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2015, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jeanne Farrugia** (*a fol.* 11 *et seq.* u *a fol.* 27 *et seq.*) fejn qalet li f'Settembru 2014 kienet giet stazzjonata fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida u li hija ma nvestigat xejn fir-rigward tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni. Tghid li l-incident gie nvestigat mill-iSpettur Millo. Ezebiet tliet (3) ritratti li ngibdu minn *camera* gewwa x-xarabank li gew immarkati bhala Dok. "JF" (*a fol.* 29). Tghid li dawn sabithom fil-*file*.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2015, xehed ukoll **PS 855 Malcolm Buttigieg** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn spjega li huwa hejja r-rapport li jirrigwarda l-incident *de quo*. Jghid li rrizultalu li kien hemm incident stradali fi Triq ix-Xatt, fil-Pieta'. Jghid li mar fuq il-post u setgha jinnota li kien hemm xarabank u xi nies qeghdin iduru ma' persuna li kienet fl-art li rrizulta li kienet milquta mix-xarabank. Jghid li gie mitkellem ix-xufier tax-xarabank u giet mitluba tmur ambulanza fuq il-post. Jghid li l-vittma ttiehdet l-iSptar Mater Dei u li aktar tard gie nfurmat li kienet ittiehdet fl-ITU u li kienet fil-periklu tal-mewt. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Millo. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 17 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-imputat kien diga cempel sabiex tmur ambulanza fuq il-post. Mistoqsi jghid jekk il-vittma kinitx mietet fuq il-post jghid li meta wasal fuq il-post il-vittma kienet tinsab wiccha fl-art u minkejja li bdew jippruvaw jaghmlu kuntatt

maghha, din il-persuna ma bdietx tirrispondi. Ikkonferma li l-incident sehh hekk kif taqbez id-dar tal-anzjani li tinsab f'San Maison, ezattament quddiem il-hanut bl-isem *Go Camping*.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2015, xehed ukoll **Mario Buttigieg** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn gie muri r-rapport redatt minnu fil-Process Verbal 406/14 hawn fuq imsemmi, liema rapport jinsab *a fol.* 34 *et seq.* tal-imsemmi Process Verbal. Huwa spjega x'ikkonstata. Jghid: *"rajt anke l-filmat li qieghed anness bhala a fol. 65*[3] *[tal-Process Verbal] qed tidher din il-pedestrian li kienet miexja meta f'daqqa wahda din tigi milquta, bid-daqqa hi ttir, fil-filmat jidher anke Golf ipparkjat, li bid-daqqa taret minn fuq is-saqaf tal-Golf u waqghet ma' genb il-Golf. Kif stajt nikkonstatah bazikament kien hemm anke marki ta' sinjali […] kemm fuq is-saqaf u anke mal-genb ta' l-imsemmija karozza anke ftit demm ma' genb din il-karozza. Bazikament kien qieghed isuq b'velocita' moderata ghax anke kont hadt il-velocita' tieghu mill-GPS readings tieghu imma ghal xi raguni ntlaqtet"* (*a fol.* 25). Ikkonferma li t-tliet (3) ritratti mmarkati bhala Dok. "JF" (*a fol.* 29) huma *stills* mill-filmat li kien ra.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hemm *bus bay* fl-akwati fejn sehh l-incident pero' jispecifika li l-incident sehh aktar l-isfel. Ghad-domanda: *"Xi kemm il-boghod kien hemm fejn hemm il-bus stop u fejn gara l-incident? Stabbilixxejt dak il-punt jekk joghgbok?"* (*a fol.* 26), wiegeb: *"Jiena ktibt hawnhekk bazikament qed nghid li t-triq fejn attwalment sehh l-incident it-triq kienet wiesgha 7.2 metres, tliet (3) metri l-fuq tiftahha ghal 10.1 meres"* (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2015, xehdet ukoll **Rita Azzopardi** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn tghid li hija *Health Safety Co-Ordinator* mal-*Malta Public Transport*. Tixhed li taf li kienu gew mitluba jnizzlu s-CCTV mill-*cameras* tax-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni BUS 096 bid-data tal-14 ta' Settembru 2013. Ezebiet dan il-filmat li gie mmarkat bhala Dok. "RA" (*a fol.* 33). Ezebiet ukoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. "RA 1" (*envelope loose*).

[3] Dok. "MB 1" – *a fol.* 83.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed **Dr. Ali Sarfraz**[4] (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn ikkonferma li r-rapport li jinsab *a fol.* 67 *et seq.* tal-Process Verbal hawn fuq imsemmi gie mhejji minnu u mill-Profs. Camilleri u dana fir-rigward tal-awtopsja ta' Edith Farrugia liema awtopsja saret f'Settembru 2013.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed ukoll **PS 1184 Patrick Grech** (*a fol.* 39) fejn ikkonferma li kien gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona fl-14 ta' Settembru 2013 u dana fir-rigward tal-incident tat-traffiku li sehh f'San Maison, fil-Pietà. Ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab *a fol.* 23 *et seq.* tal-Process Verbal u li tikkonsisti fi tnax (12) il-ritratt bil-kulur.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed ukoll l-eks **Spettur Sandro Millo** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Settembru 2013 kien Spettur tal-Pulizija u kien stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida. Jixhed li hekk kif dahal rapport li kienet sfat imtajjra mara gewwa Triq ix-Xatt, il-Pietà, mar fuq il-post u hekk kif wasal il-mara kienet diga ttiehdet l-iSptar. Jghid li nfethet Inkjesta Magisterjali u gew appuntati diversi esperti. Jixhed li gie nfurmat li l-mara kienet f'kundizzjoni gravi hafna u li wara gie nfurmat li kienet mietet. F'dan l-istadju jghid li giet maghluqa nofs it-triq u jghid ukoll li kien hemm xarabank li nzammet fuq il-post peress li rrizulta li l-vittma ttajret minnha. Jghid li l-imputat kien is-sewwieq ta' din ix-xarabank li gie mehud l-Ghassa tal-Pulizija. Jghid: *"Naf li l-espert tal-Qorti Mario Buttigieg ha l-istqarrija tal-persuna ghax jiena niftakar li tajru xi persuna ohra kienet qeghda pregnant u kelli niccaqlaq ukoll"* (*a fol.* 42). Jixhed fuq dak li ra mill-filmat li gie provdut lilu wara li huwa ghamel talba f'dak is-sens. Jghid li f'dan il-filmat l-impatt ma jidhirx pero tidher il-vittma fuq in-naha tax-xellug u f'daqqa wahda ma dehritx aktar. Jghid: *"n-nies li kien hemm fil-karozza tal-linja telqu jigru kollha dawn u hadd ma ta' ghajnuna ta' xejn jigifieri. Ma sibna lil hadd, difetti meta wasalt fuq il-post lanqas stajt nigbed xi xhieda li forsi raw xi haga, sparixxew kollha"* (*a fol.* 42).

[4] Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 34), id-difiza ddikjarat li ma kienx jenhtieg li Prof. Marie Therese Camilleri tixhed sabiex tikkonferma r-rapport taghha ezebit fl-Inkjesta Magisterjali.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed ukoll **Elton Debattista** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qal li kien *Health and Safety Manager* mal-ARRIVA. Jghid li kien gie nfurmat bl-incident stradali *de quo* u kien gie mitlub mill-espert Mario Buttigieg filmat mix-xarabank u li xi jiem wara hu ghadda dan il-filmat. Jghid li x-xarabank kienet misjuqa minn certu Mark Jones u mill-Pietà kienet sejra lejn Ta' Xbiex. Jghid li ma kienx hu li gibed il-filmat minn gos-sistema pero jkun l-*IT Manager* li jaghmel hekk. Jixhed li l-*IT Manager* kien certu Joseph Lombardi li ghaddielu l-filmat u hu (Debattista) ghaddieh lill-espert Buttigieg.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015, xehed ukoll **Joseph Lombardi** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn qal li kellu rwol ta' *IT Manager* mal-ARRIVA u li Elton Debattista kien infurmah li kien hemm incident u saritlu talba li l-Pulizija riedu filmat mix-xarabank partikolari u hu ha hsieb li jnizzel dan il-filmat.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2016, xehed **Dr. Paul Zammit** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Settembru 2013 kien jahdem fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-iSptar u jixhed li kienet iddahhlet pazjenta li kellha ksur fid-diversi ghadam ta' rasha, kellha demm u nefha fil-mohh u kif ukoll ksur fil-kustilji u fl-ghadma tan-naha t'isfel tad-dahar. Jghid li l-pazjenta giet iccertifikata li kienet fil-periklu imminenti li titlef hajjietha. Ix-xhud pprezenta vera kopja tac-certifikat rilaxxat minnu li gie mmarkat bhala Dok. "PZ 1" (*a fol.* 75)[5]. Jghid li l-griehi kienu gravi.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 79) fejn spjega li kien gie nominat biex jaghmel kopja ta' dokument. Ezebixxa dak li gie nominat jaghmel li gie mmarkat bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 80 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, xehdet ukoll **Dr. Dukic Jasmina** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn spjegat li hija *Consultant Neurosurgeon* fl-iSptar Mater Dei. Mistoqsija dwar il-pazjenta Edith Farrugia fid-data tal-14 ta' Settembru 2013 tghid li l-pazjeta ddahhlet id-Dipartiment tal-Emergenza. Tixhed dwar il-kundizzjoni tal-

[5] Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, il-Prosekuzzjoni ezebiet l-original ta' dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 78).

imsemmija Farrugia u dwar il-griehi li kellha. Tghid li l-pazjenta giet trasferita l-ITU. Tixhed: *"she was seen by my trainee later on when she had already fixed dilated pupils which is a clinical sign of severe brain injury"* (*a fol.* 84). Tixhed ukoll li kien hemm *"significant brain injuries"* (*a fol.* 84). Tghid: *"According to the notes, […] she was certified as brain dead on the 18th. of September. So she was operated on the 14th. and practically four days after she was certified as brain dead"* (*a fol.* 85). Mistoqsija tghid jekk wara l-operazzjoni kinitx stabbli, tghid: *"Not really no"* (*a fol.* 85).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, xehed ukoll il-**Perit Valerio Schembri** (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa hejja r-relazzjoni li tinsab *a fol.* 11 *et seq.* tal-Process Verbal. Jghid li dak li gie ndikat fir-rapport huwa dak li huwa sab fuq il-post. Mistoqsi jghid jekk fuq il-pjanta hemmx imnizzel *bus stop* jew fejn sar l-incident biss, jghid: *"Minn ghalija l-bus stop mhux hemm qieghed taf. Il-bus stop qieghed x'imkien, il-bus stop mhux 'l hawn qieghed"* (*a fol.* 87). Mistoqsi jghid jekk irrizultalux fejn sehh l-impatt, wiegeb: *"Jien li kien hemm il-B fuq il-post li huwa roqgha likwidu lewn ahmar jigifieri jien nimmarka dak li juruni fuq il-post, il-bqija x'jirrizulta minn dan l-impatt, imbaghad dak jarawh esperti ohrajn"* (*a fol.* 87). Mistoqsi jghid jekk it-triq hijiex dritta jew jekk hemmx xi kurva, wiegeb: *"Triq dritta, heqq dritta insomma imma dritta mhux jigifieri bhal in-nizla ta' San Maison biex naghmel ezagerazzjoni"* (*a fol.* 88). Jghid li rrizultalu li kien hemm distanza bejn ix-xarabank u r-roqgha likwidu ta' lewn ahmar. Jghid li huwa beda minn fejn hemm il-likwidu ta' lewn ahmar u l-bicca ta' quddiemu ta' madwar tlettax-il metru.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk jirrizultalux fil-pjanta li hemm *traffic bay*, wiegeb li hemm *parking bay*. Jghid li fuq il-pjanta tieghu l-i*stage* ma giex indikat. Mistoqsi jghid jekk fil-pjanta ghamilx riferenza ghal xi *traffic lights*, wiegeb fin-negattiv. Jghid li hemm *roundabout* fejn hemm is-sigar u hemm il-klabb tal-bocci. Gie mistoqsi ghat-*traffic lights* li hemm hdejn id-dar tal-anzjani u jghid li d-dar tal-anzjani ma tinsabx ezatt fejn sehh l-incident.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017, xehed l-imputat **Mark Stuart Jones** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn beda billi

qal li ghandu tmienja u erbghin (48) sena u jghid ukoll li kien xufier mas-socjeta' ARRIVA u li ilu hamsa u ghoxrin (25) sena xufier. Mistoqsi dwar dak li gara fl-14 ta' Settembru 2013 jghid li dakinhar kien *rest* u baghtu ghalih sabiex jaghmel ir-rotta mill-belt Valletta ghal Pembroke ghal darbtejn. Jghid li telaq mill-belt Valletta fis-7.05am, ghabba xi nies minn Triq Sant'Anna, nizel minn hdejn Bieb il-Bombi, ghabba n-nies minn hemm ukoll, nizel minn hdejn id-dar tal-anzjani f'Sa Maison f'tal-Pietà u ghabba xi nies minn hemm ukoll. Jghid: *"inqlajt minn fuq il-bus stop, hemm zewg zebra crossings quddiem u warajha, pedestrian lights kollox ghandhom u qbadt hiereg 'l barra, kemm kont ghaddej, 20, 25 kilometres per hour ghax dawk automatic it-trakkijiet"* (*a fol.* 97). Jghid li l-incident gara f'tal-Pietà. Mistoqsi jghid jekk hemmx xi haga qabel u wara l-post tal-incident, wiegeb: *"Zebra crossings u t-traffic lights pedestrian lights"* (*a fol.* 97). Jispecifika: *"Ftit qabel il-bus stop imbaghad ftit 'l isfel hemm iehor aktar l'isfel"* (*a fol.* 97). Jghid li biex nizlu u telghu n-nies huwa waqaf fil-*bus bay* u wara qala'. Mistoqsi jghid jekk hemmx xi bankina, wiegeb: *"Hemm bicca bankina maghluqa ghalhekk triq taqla' 'l barra"* (*a fol.* 98). Jghid li l-bankina mhijiex wiesgha hafna u li hemmhekk jipparkjaw il-vetturi wicchom 'l gewwa. Jghid li mill-*bus bay* qala' normali, *"rajt li mhux gejjn karozzi u bqajt nara ghax meta jaraw trakk tal-ARRIVA kulhadd iross, iross, iross. U bdejt miexi l-isfel u hin minnhom nisma' "bum", imbaghad harist lejn il-mera u rajt xi hadd jaqa' mal-art"* (*a fol.* 98). Jghid li meta sema l-hoss li semma, mexa naqra biex ma jieqafx zopptu minhabba l-passiggieri u waqqaf ix-xarabank. Jghid li l-passigieri telqu minn fuq il-post. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi mumenti li huwa ra lill-vittma, wiegeb fin-negattiv. Jghid: *"ma rajthiex bilfors li harget minn bejn zewg karozzi ghax karozzi biex kien hemm ipparkjati u kien hemm sprall"* (*a fol.* 98). Meta gie muri ritratt "X" (*a fol.* 29) jghid li minkejja li dan jindika li kien hemm xi hadd ghaddej hu kien mohhu fil-mera tal-lemin. Mistoqsi jghid jekk hux qed jara vetturi pparkjati *fishbone*, wiegeb li hemm diversi. Mistoqsi jghid jekk hux qed jara xi sprall, wiegeb fin-negattiv. Jghid li hemm bankina fuq gewwa. Meta gie muri ritratti li hemm *a fol.* 27 tal-Process Verbal jghid li dawn juru l-vetturi ipparkjati *fishbone*. Jghid li l-incident gara fejn hemm l-isprall li jidher fir-ritratti *a fol.* 27 tal-Process Verbal. Ghad-domanda x'setgha gara biex ma rax lill-persuna miexja, wiegeb:

*"Jien kont mohhni fl-overtaking"* (*a fol.* 100). Jghid li l-hoss tad-daqqa semaghha mal-genb tax-xarabank. Ghad-domanda: *"Inti fejn hemm id-demm tista' tghidilna jekk kienx fuq il-bankina jew hux fit-triq?"* (*a fol.* 100), wiegeb: *"Fuq il-bankina"* (*a fol.* 100). Meta sarlu riferenza ghar-rapport tal-Pulizija fejn huwa qal li l-vittma harget bejn zewg vetturi, u meta gie mistoqsi jghid jekk kienx qed jirreferi ghaz-zewg vetturi li jidhru f'ritratti *a fol.* 27 tal-Process Verbal, wiegeb: *"Dawk, ghax dawk baqghu hemmhekk tul il-hin kollu sakemm gew il-Pulizija u kollox"* (*a fol.* 100). Jghid li kwart mill-isprall jinsab fit-triq. Mistoqsi dwar il-velocita' tieghu biex jaqla', jghid: *"Dawk automatic, dawk itellghu bil-mod il-mod kont ghaddej fifteen, twenty kont ghaddej forsi x'hin ilqatt lilha forsi kont tellajt 35"* (*a fol.* 101). Mistoqsi dwar kif kienet il-pozizzjoni tax-xarabank, wiegeb li kienet mal-linja tan-nofs. Jghid li x-xarabank kien fil-karreggjata ta' gewwa u li t-*tyres* kienu fuq il-*line* tan-nofs.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien qed isuq mal-*line* tan-nofs tal-*lane* tieghu. Jghid li l-vetturi fuq ix-xellug rahom ipparkjati qabel ma' qala'. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm aktar vetturi barra dawn it-tnejn, wiegeb li wara l-habta ma ccaqlaq xejn u li l-vetturi li jidhru kienu kollha hemm. Mistoqsi jghid jekk dak il-hin meta hu kien ghaddej innutax nies jippassiggaw mill-bankina, wiegeb: *"Issa ma tajtx kaz. Qed nghidlek kien mohhni fuq it-traffic ta' wara jien"* (*a fol.* 102). Mistoqsi jaqbilx li dik il-bankina tintuza' biex il-vetturi jipparkjaw ukoll fuqha, wiegeb: *"Iva u anke n-nies jimxu fuqha ukoll hux ghax ghandhom fuq gewwa fejn jimxu"* (*a fol.* 102). Jghid li ma qasam hadd minn fejn hemm jidhru l-*cones* bojod u homor (*a fol.* 27 tal-Process Verbal). Jghid li kollox gara wara li kien qala' minn fuq il-*bus stop*. Mistoqsi jghid kemm kien ilu li qala' wara li sema' il-hoss tad-daqqa, jghid li kienu ghaddew *"two, three minutes? Four minutes?"* (*a fol.* 103). Jghid li kien diga' forsi tella' 35 km fis-siegha.

In <u>ri-ezami</u> mistoqsi jghid kemm hemm distanza bejn fejn sehh l-impatt u fejn hemm il-*bus bay*, wiegeb: *"Hemm naqra"* (*a fol.* 103). Mitlub jispecifika, jghid li hemm forsi t-tul ta' Awla 5 tal-Qorti. Jghid li wara li waqqaf ix-xarabank, cempel ghall-ambulanza u d-*Depot*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (*a fol.* 4 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Jeanne Farrugia, liema stqarrija giet rilaxxata fit-3 ta' Frar 2015, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi kollha li sarulu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li dakinhar tal-akkadut l-imputat kien qed isuq xarabank bin-numru ta' registrazzjoni BUS 096 u li kien gej mid-direzzjoni tal-belt Valletta sejjer lejn l-Msida. Da parte taghha, il-vittma Farrugia kienet miexja fuq in-naha tal-genb tat-triq u ghal xi raguni jew ohra giet milquta mix-xarabank u eventwalment mietet l-iSptar ftit tal-jiem wara.

Illi, in segwitu ta' dan l-incident stradali u in segwitu tal-konkluzjoni raggunta fl-Inkjesta Magisterjali, gew intavolati l-prezenti proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat. L-imputat jinsab akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna l-mewt ta' Edith Farrugia. L-imputat jinsab akkuzat ukoll li kien qed isuq ix-xarabank b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward r-responsabilita' tal-incident stradali *per se.*

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li hemm responsabilitajiet dwar uzu tat-toroq imposti kemm fuq is-sewwieqa kif ukoll fuq il-*pedestrians.*

Illi kull sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah *proper lookout*. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** deciza fis-26 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu dover ta' driver *to see what is in plain view* [...] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout*".

Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti msemmija ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[6] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi dwar l-obbligu tal-*pedestrian*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** deciza fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

> "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian*".

---

[6] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa** deciza fl-4 ta' April 1959, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta *si tratta* ta' *uncontrolled crossing*".

Illi l-Qrati taghna huma cari u univoci fuq il-materja li sewwieq izomm *a proper lookout* u ta' negligenza kontributorja meta jigu ghal decizjonijiet fuq griehi kawzati minn incidenti tat-traffiku. Hekk, per ezempju, kienet irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, deciza fit-12 ta' Frar 2009:

> "Illi dan hu kaz ta' investiment ta' *pedestrian*. Illi gie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-car milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-*pedestrian* kreata lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva (ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P.iv p.1023). F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. "*meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat*" (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Thornton**, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta "*pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza*" (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.iv. p.765). Mill-banda l-ohra pero', gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*sudden emergency*

meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Ir-ritratti mmarkati bhala Dok. "JF" (*a fol.* 29) juru li Farrugia kienet miexja fuq il-parti karreggjabbli tat-triq, fejn jidhru wkoll vetturi ppparkjati b'mod djagonali. Minn dawn ir-ritratti jirrizulta li l-vittma Farrugia kien ilha miexja b'dan il-mod ghal certu distanza.

- L-Espert Tekniku Buttigieg qal li meta ra l-filmat provdut lilu, *"tidher din il-pedestrian li kienet miexja meta f'daqqa wahda din tigi milquta, bid-daqqa hi ttir, fil-filmat jidher anke Golf ipparkjat, li bid-daqqa taret minn fuq is-saqaf tal-Golf u waqghet ma' genb il-Golf"* (*a fol.* 25).

- Jirrizulta li l-impatt bejn ix-xarabank u Farrugia sehh biswit vettura Golf li kienet ipparkjata djagonalment. *Di fatti*, fir-ritratti mehuda minn PS 1184 Patrick Grech li jinsabu fir-rapport tieghu (*a fol.* 23 *et seq.* tal-Process Verbal) jirrizulta li hemm roqgha likwidu ta' lewn skur magenb il-vettura Golf li ssir riferenza ghaliha fid-depozizzjoni moghtija minn Mario Buttigieg. Din il-Golf ma tinstabx fil-karreggjata minn fejn jghaddu l-vetturi *ossia* minn fejn ghaddiet ix-xarabank. Vicin ir-rota ta' quddiem tal-lemin tal-Golf jidher *handbag* ta' kulur iswed li jidher li kienet liebsa Farrugia meta kienet miexja (*Vide* ritratti Dok. "JF" – *a fol.* 29). Ir-roqgha likwidu msemmija hawn fuq jinghad mill-Perit Valerio Schembri li kienet ta' kulur ahmar u b'hekk jista' jigi affermat li dan kien demm tal-vittma Farrugia. Meta l-imsemmi Perit Schembri gie mistoqsi jghid jekk irrizultalux fejn sehh l-impatt, huwa jaghmel riferenza ghall-imsemmi likwidu ta' lewn ahmar.

- Minkejja li jirrizulta li x-xarabank ma sofriet l-ebda danni u minkejja li x-xarabank ma halliet l-ebda brejkmarks jew skidmarks u minkejja li xhieda okulari ma xehdux f'dawn il-proceduri (u dana minkejja li fix-xarabank kien hemm nies u malli sehh l-incident kulhadd telaq 'l hemm), riferenza ghandha ssir ghall-verzjonijiet moghtija mill-imputat rigward l-incident *de quo*.

  - Fl-okkorrenza (Dok. "MB" – *a fol.* 17 *et seq.*), l-imputat qal hekk *a tempo vergine*: *"Kont sejjer fid-direzzjoni tal-Msida minn tal-Pietà meta gejt quddiem il-Go Camping. Minn wara vettura griza illi kien hemm ipparkjata hargitli persuna u jien peress illi hi harget ezatt quddiemi jien ma stajtx nieqaf u f'daqqa wahda smajt "bum". Jien waqaft ftit il-fuq u mill-ewwel inzilt biex nara x'kien gralha l-persuna li u mill-ewwel cempilt ghal ghajnuna"* (*a fol.* 19).

  - Fl-Inkjesta Magisterjali, fl-14 ta' Settembru 2013, l-imputat qallu hekk lil Perit Tekniku Mario Buttigieg: *"Kif jiena kont ghaddej b'velocita' ta' madwar hamsa u tletin (35 kfs) kilometru fis-siegha sa massimu ta' erbghin (40 kfs) kilometru fis-siegha u kif wasalt hdejn il-vetturi li kienu pparkjati ma genb it-triq harget mara minn bejn il-vetturi u bix-xarabank jiena lqattha. Irrid nghid li hdejn l-istage tal-anzjani jiena ghabbejt xi nies minn fuq dan l-istage. […] Ghar-rigward il-vittma nghid li jiena qatt ma rajtha taqsam. Kull ma rajt kienet xi haga li harget minn bejn il-vetturi fejn smajt hoss u ghaldaqstant jiena waqqaft ix-xarabank li kont qed insuq"* (*a fol.* 44 tal-Process Verbal).

  - Quddiem il-Qorti, l-imputat qal hekk: "*U bdejt miexi l-isfel u hin minnhom nisma' "bum", imbaghad harist lejn il-mera u rajt xi hadd jaqa' mal-art"* (*a fol.* 98). Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi mumenti li fihom huwa ra lill-vittma, wiegeb fin-negattiv. Jghid: *"ma rajthiex bilfors li harget minn bejn zewg karozzi ghax karozzi biex kien hemm ipparkjati u kien hemm sprall"* (*a fol.* 98).

Illi minkejja li t-triq fejn sehh l-incident hija triq dritta u li l-incident sehh fil-ghodu u li ma kienx hemm dlam u li ma kien hemm xejn x'jostakola l-vizwal tal-imputat u minkejja li jirrizulta li l-vittma Farrugia kienet miexja fuq il-parti karreggjabbli fil-genb tat-triq ghal certu distanza, pero' jirrizulta li l-imputat FL-EBDA HIN ma ra lill-vittma miexja! Minkejja dak li l-imputat qal *a tempo vergine* fl-okkorrenza u minkejja dak li hu qal lill-Perit Tekniku Mario Buttigieg, il-verita' hija dik li huwa qal quddiem il-Qorti u cioé li ma kienx ra lill-vittma. Mhux minnu dak li qal l-imputat meta qal li l-vittma hargitlu minn bejn zewg vetturi. Ma jirrizultax lanqas li Farrugia kienet qasmet bl-addocc jew li kienet qed taqsam bl-addocc. Mir-ritratti mmarkati bhala Dok. "JF" (*a fol.* 29) jirrizulta li Farrugia kienet ilha miexja ghal diversi metri fil-parti karreggjabbli u minkejja dan l-imputat baqa' ma rahiex! Il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ma rax lil Farrugia qabel l-incident tant li meta gie muri wiehed mir-ritratti li gew immarkati bhala Dok. "JF" (*a fol.* 29), specifikament dak li gie mmarkat bl-ittra "X", fejn tidher il-vittma Farrugia miexja f'certu distanza, l-imputat qal li hu kien mohhu fil-mera tal-lemin tant li jghid li kien mohhu fl-*overtaking*. Jghid ukoll: *"Qed nghidlek kien mohhni fuq it-traffic ta' wara jien"* (*a fol.* 102). Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li l-imputat kellu joqghod attent li ma jolqotx nies li ppruvaw jaqbzu peress li kien ghaddej bil-mod u tghid ukoll: *"Ma setax ihares kemm lejn ix-xellug u kemm lejn il-lemin fl-istess waqt peress li dan huwa fizikament impossibli"* (*a fol.* 117). Filwaqt li l-Qorti taqbel li l-imputat kellu joqghod attent li ma jolqot lil hadd, pero fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi li l-imputat kellu jzomm *proper lookout* sabiex jara x'inhu jsehh quddiemu altrimenti jkun qed jintremghu l-barra r-regolamenti bazici tat-traffiku!

Illi l-imputat kellu vizwal fit-tul fejn seta' facilment jara lill-vittma Farrugia miexja u l-fatt li hu naqas milli jaraha jfisser li l-imputat ma kellux il-*proper lookout* li sewwieq huwa rikjest li ghandu jkollha altrimenti kienet jintebah bil-prezenza tal-vittma Farrugia.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament

għall-ħtijiet da parti ta' ħaddieħor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan għaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi ma jirrizulta minn imkien li l-imputat sab ruħu f'pożizzjoni ta' emergenza subitanea u anqas ma jirrizulta li l-vittma Farrugia kienet qed taqsam it-triq! Il-Qorti ma jirrizultalhiex li <u>fil-ħin tal-akkadut</u> il-vittma Farrugia ħarġet minn bejn vettura u oħra jew li ppruvat taqsam it-triq kif jingħad mid-difiża u dana minkejja li d-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha tissottometti li fl-inħawi hemm *zebra crossings* u *pedestrian lights*. Il-Qorti taqbel mad-difiża meta fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li *pedestrian* ikun negliġenti immens jekk jagħżel li jaqsam minn triq bħal dik bl-addoċċ u mingħajr ma juża waħda mill-faċilitajiet li jinsabu fit-triq biex jaqsam. Pero' l-Qorti tinnota li hija ħaġa li Farrugia kellha l-intenzjoni li taqsam it-triq u hija ħaġa kompletament differenti jekk hi *di fatti* bdietx taqsam it-triq. Kieku l-vittma Farrugia ppruvat taqsam it-triq, kieku ma kinitx tispiċċa fejn hemm ir-roqgħa ta' demm li tidher f'ritratti *a fol.* 27 *et seq.* tal-Process Verbal pero kienet tispiċċa mtajra l-quddiem u mhux lejn ġenbha u kienet tispiċċa fit-triq *per se* u mhux fil-ġenb tagħha. Isegwi għalhekk li ma jirrizultax li l-vittma Farrugia tat lok sabiex l-inċident seħħ u l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte tagħha għall-akkadut.

Għaldaqstant, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-inċident stradali mertu ta' din il-kawża seħħ minħabba li l-imputat ma kellux il-*proper lookout* li sewwieq huwa rikjest li għandu jkollu.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ikkaġuna l-Mewt ta' Edith Farrugia)</u>:**

Illi taħt din l-imputazzjoni l-imputat qed jiġi akkużat li minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkawża l-mewt ta'

Edith Farrugia. Din l-akkuza temergi minn Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament preseduta qalet:
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*
>
> U kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])"".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu. M'hemmx dubju wkoll li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Dan kollu qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li l-incident stradali sehh minhabba n-nuqqas ta' *proper lookout* da parte tal-imputat. Ma jirrizulta l-ebda *speed* eccessiv fis-sewqan tal-imputat. *Di fatti*, l-espert Mario Buttigieg innifsu jixhed li rrizultalu li l-imputat kien qieghed isuq b'velocita' moderata. Apparti dan, il-Qorti ma jirrizultalha xejn fl-atti processwali li jista' b'xi mod jindika li l-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv. B'hekk isegwi li l-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz u bla kont.

Illi mill-atti jirrizulta s-segwenti:

- Dr. Paul Zammit spjega f'liema kundizzjoni ddahhlet Farrugia fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-iSptar. Huwa pprezenta vera

kopja tac-certifikat rilaxxat minnu li gie mmarkat bhala Dok. "PZ 1" (*a fol.* 75)[7].

- Dr. Dukic Jasmina xehdet dwar il-griehi li kellha l-imsemmija Farrugia. Tghid li l-pazjenta giet trasferita l-ITU. Tixhed li kien hemm *"significant brain injuries"* (*a fol.* 84). Tghid: *"According to the notes, […] she was certified as brain dead on the 18th. of September. So she was operated on the 14th. and practically four days after she was certified as brain dead"* (*a fol.* 85). Mistoqsija tghid jekk wara l-operazzjoni Farrugia kinitx stabbli, tghid: *"Not really no"* (*a fol.* 85).

- Dr. Ali Sarfraz[8] ikkonferma li r-rapport li jinsab *a fol.* 67 *et seq.* tal-Process Verbal gie mhejji minnu u mill-Profs. Camilleri u dana fir-rigward tal-awtopsja ta' Edith Farrugia liema awtopsja saret f'Settembru 2013. Fir-rapport hemm imnizzel is-segwenti: *"The death of this elderly female is certified as being due to fractured skull and intracranial haemorrhage following a motor vehicle accident"* (*a fol.* 68 tal-Process Verbal).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda li l-imputat ikkaguna nvolontarjament il-mewt ta' Edith Farrugia u ghaldaqstant jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan b'Manjiera Traskurata, Bla Kont u Perikoluz)</u>**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li dakinhar tal-14 ta' Settembru 2013 kien qed isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.

Illi ghandha ssir riferenza ghal dak li nghad fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll ghall-gurisprudenza

[7] Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, il-Prosekuzzjoni ezebiet l-original ta' dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 78).
[8] Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 34), id-difiza ddikjarat li ma kienx jehtieg li Prof. Marie Therese Camilleri tixhed sabiex tikkonferma r-rapport taghha ezebiet fl-Inkjesta Magisterjali.

kwotata hemmhekk. Fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni gie konkluz li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu, inkluz li kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq rigward sewqan perikoluz u bla kont u, kif ukoll, tenut kont tal-fatt li ma jirrizulta l-ebda sewqan sperikolat fis-sewqan tal-imputat, u dana minkejja l-konsegwenza tal-incident, il-Qorti tikkonkludi li s-sewqan tal-imputat ma kienx wiehed perikoluz u bla kont. Ghaldaqstant, filwaqt li l-imputat ser jigi misjub hati ta' sewqan traskurat, m'huwiex ser jigi misjub hati ta' sewqan b'mod perikoluz u bla kont.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u kif ukoll ta' dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata.

Illi dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom, fuq naha wahda: in-natura tal-imputazzjonijiet ippruvati, b'mod partikolari l-ewwel (1) imputazzjoni fejn kawza tal-incident tilfet hajjietha persuna, u, fuq in-naha l-ohra:

- il-fedina penali (*a fol.* 3) tal-imputat, li ma jirrizultax li hija wahda refrattarja;

- il-fatt li fis-sewqan tal-imputat il-Qorti ma tirriskontra l-ebda element ta' qziez kif hafna mid-drabi jirrizulta f'cirkostanzi simili u l-fatt li l-imputat kien f'sensieh u ma kienx taht l-effett la ta' xi alkohol u anqas ta' xi drogi;

- il-fatt li l-*parte civile* ddikjaraw li l-pendenzi civili bejn il-partijiet gew saldati u li l-istess *parte civile* kienu qed jirrinunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat sa fejn dawn huma rinunzjabbli skond il-ligi (*a fol.* 93).

Illi kieku f'dan l-incident stradali Farrugia ma tilfitx hajjitha, il-Qorti kienet propensa li tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa u dana skond l-insenjament tas-sentenza moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi nvolontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, filwaqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.
>
> Inoltre l-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija ndubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi din is-sentenza t'hawn fuq taghmel riferenza ghal offizi nvolontarji u mhux ghal kaz ta' mewt, bhal fil-kaz odjern. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kkunsidrat l-insejament fid-decizjonijiet moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** (deciza mill-Onor. Imhallef Michael Mallia fl-1 ta' Marzu 2012) u **Il-Pulizija vs. Kevin Ellul** (deciza mill-Onor. Imhallef David Scicluna fis-6 ta' Frar 2013) (f'liema kawzi kien kkagunat il-mewt ta' persuna) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tat sentenza sospiza ta' prigunerija fil-konfront tal-hati.

Illi l-Qorti taghmel taghha dak li nghad fil-kawza **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** imsemmija hawn fuq fejn inghad is-segwenti:

> "L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista' jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju nvolontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundannaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita' jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva".

Illi l-Qorti taghmel taghha wkoll dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Ellul** imsemmija hawn fuq fejn inghad hekk:

> "Issa bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maurice Agius** moghtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, a let off jew semplicement a slap on the hand. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, 'imqarar u mqarben', ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita' piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."* Il-ligi ma teskludix il-possibilita` li tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija anke fejn ikun gie kommess reat involontarju, u lanqas fejn si tratta ta' *first time offender*. F'dan il-kaz, jinghad ukoll illi l-fedina penali

> ta' l-appellant/l-appellat kienet u ghadha sallum wahda netta. Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tvarja n-natura tal-piena li l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li tinfliggi".

Illi minkejja li fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat ma ghandux il-fedina penali kompletament nadifa pero ma jirrizulta xejn ta' natura gravi li minhabba fiha ma jkunx misthoqq li jinghata sentenza ta' prigunerija li l-perjodu taghha jkun sospiz, u dana qieghed jinghad tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati li kien qed isuq b'manjiera bla kont u perikoluz u b'hekk tilliberah minn din il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mark Stuart Jones hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Jones sabiex fi zmien erba' (4) xhur millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-

esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' elfejn, hames mija u tliet Euro u wiehed u tmenin centezmu (€2503.81).[9]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[9] Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 1" – *a fol.* 82 *tergo*) (€96.21); Perit Valerio Schembri (Dok. "VS" – *a fol.* 19 tal-Process Verbal) (€944.53); PS 1184 Patrick Grech (Dok. "PG" – *a fol.* 26 tal-Process Verbal) (€53.53); Mario Buttigieg (Dok. "MB" – *a fol.* 53 *tergo* tal-Process Verbal) (€909.13); Profs. M.T. Camilleri u Dr. S. Ali (Dok. "MTC" – *a fol.* 68 *tergo* tal-Process Verbal) (€500.41).